MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Numru. 221/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Stephen Gatt)**
**(Sp. Silvio Valletta)**

**v**

**Silvio Buttigieg ta' 30 sena iben John u Lourdes xebba Calleja mwieled Pieta' nhar is-16 ta' April, 1973, u residenti No. 52, Triq Santa Maria, Bormla jew No. 3, Windsor Flats, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 244573 (M)**

**Stephen Mifsud ta' 31 sena iben Carmelo u Mary xebba Debono mwieled Pieta' fit-8 ta' Lulju, 1972 u residenti No. 5, Windsor Flats, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 425172 (M)**

**Pauline Pisani ta' 18-il sena iben Harry u Maria xebba Pisani mwielda Pieta' nhar id-9 Ta' Novembru, 1985 u residenti No. 5, Windsor Flats, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 558785 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Silvio Buttigieg, Stephen Mifsud u Pauline Pisani li gew akkuzati talli flimkien ma' persna ohra b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikun jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) tali f'dawn l-ahhar xhur gewwa Ta' Xbiex, ikkommettew serq ta' flus minn fuq diversi persuni li huwa kwalifikat bil-vjolenza, hin u valur li jeccedi Lm 100 izda inqas minn Lm 1000, ghad-dannu ta' diversi persuni mhux maghrufa,
(b) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarrsta lill-hati, arestaw, zammew jw issekwestraw lil diversi perusni mhux maghrufa kontra l-volonta' taghhom,
(c) talli fil-lejl ta' bejn id-9 ta' Marzu, 2004 u l-10 ta' Marzu, 2004 gewa ta' Xbiex, ikkommettew serq ta' flus minn fuq il-persuna ta' Hamsa Moahmmed Abdul, li huwa kkwalifikat bil-vjolenza, hinu vlaur li jeccedi Lm 100 izda inqas minn Lm 1000 ghad-dannu ta' Hamsa Mohammed Abdul,
(d) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-imsemmi Hamsa Mohammed Abdul kontra l-volonta' tieghu;
(e) talli fil-lejl ta' bejn 10 ta' Marzu, 2004 u l-11 ta' Marzu, 2004 gewwa Ta' Xbiex ikkommettew serq ta' flus u mobile phone minn fuq il-persuna ta' Ian Zahra, li huwa

kwalfikat bil-vjolenza, hin u valur li jeccedi Lm 100 izda anqas minn LM 1000, ghad-dannu ta’ Ian Zahra,
(f) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-imsemmi Ian Zahra kontra l-volonta’ tieghu;
(g) talli fil-lejl ta’bejn 8 ta’ Marzu, 2004 u l-9 ta’ Marzu, 2004 gewa Ta’ Xbiex, ikkommettew serq ta’ flus min fuq il-persuna ta’ Anthony Cilia, li huwa kwlaifikat bil-vjolenza, hin u valur li jaccedi Lm 100 izda inqas minn Lm 1000 ghad-dannu ta’ Anthony Cilia,
(h) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, heddew bil-fomm, taw ordni u poggew taht kundizzjoni lill-Hamsa Mohammed Abdul, Ian Zahra u diversi nies mhux maghrufa,
(i) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrendew ruhhom recidivi ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 b’diversi sentenzi moghitja mill-Qrati tal-Magistrati (Maltal), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Stephen Mifsud wahdu akkuzat talli:

(j) fil-lejl ta’ bejn l-10 ta’ Marzu, 2004 u l-11 ta’ Marzu, 2004 gewwa Ta’ Xbiex, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Ian Zahra kif iccertifika Dr I Cacciattolo MD
(k) akkuzat ukoll tali fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’Malta, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom,

Pauline Pisani wahedha akkuzata talli:

(l) talli fil-lejl ta’ 10 ta’ Marzu, 2004 u l-11 ta’ Marzu, 2004 u xhur ta’ qabel fil-Gzira, f’post pubbliku jew f’post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal-Kapitlu 62 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(m) akkuzata wkoll f'dawn il-gzejjer, fl-istes data, hin, lok u cirkostanzi kisret il-provediment ta' Artikolu 5 tal-Kapitlu 152 tal-Ligijiet ta' Malta (Ilum Artiklu 7 tal-Kap 446) b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 19 ta' Frar, 2003, liema sentenzi hija definittivi u ma tistax tigi mibdula, fejn kienet misjuba hatja u lliberata taht kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin.

Rat li fis-seduta tad-19 ta' Novembru, 2004 gie dikjarat li kemm Pauline Pisani kif ukoll Stephen Mifsud ammettew l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom. Dawn gew moghtija zmien jahsbu fuq l-istess ammissjoni u ghalhekk fis-seduta tad-29 ta' Dicembru, 2004 regghu tennew l-ammissjoni taghhom (a fol 299).

Rat ukoll li fis-seduta tat-12 ta' Jannar, 2005 (a fol 301) intaqghet it-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju u ghalhekk din is-sentenza hija **BISS FIL-KONFRONT TA' STEPHEN MIFSUD U PAULINE PISANI.**

Rat ukoll li l-Avukat Generali baghat l-artikoli fil-konfront ta' l-imsemmija Mifsud u Pisani li jaqraw hekk:

Fil-konfront ta' Stephen Mifsud 18, 261(a)(c)(e), 262, 267, 269, 277, 279, 86, 87, 49, 50, 289, 533, 221, 334 kollha tal-kapitlu 9.

Fil-konfront ta' Pauline Pisani
(a) l-artikoli 18, 261(a)(c)(e), 262, 267, 269, 277, 279, 86, 87,49, 50, 289, 533 tal-Kap 9;
(b) l-artikolu 7 tal-Kapitlu 63,
(c) l-artikolu 7, 21 tal-Kapitlu 446

Rat ukoll li l-imputati cioe Mifsud u Pisani ma kellhom ebda oggezzjoni li din il-kawza tinqata' minn din il-Qorti.

Ikkonsidrat

Illi tibda din il-Qorti biex itteni illi mill-ezami tal-atti ghajr ghal akkuza wahda tqis li ghandha taccetta l-ammissjoni ta' l-akkuzati Mifsud u Pisani in kwantu dawn verament

jirrizultaw. Pero' jidher li l-Avukat Generali b'vantagg kbir ghal Stephen Mifsud ma tax l-akkuza tal-ksur ta' sentenza sospiza li ghalkemm tirrizulta mill-fedina penali, u ghalkemm ammessa pero' ma gietx riflessa fl-artikoli li ghalihom Stephen Mifsud irregistra l-kunsens tieghu.

Illi fil-fatt l-Ufficjal Prosekutur kien talab zieda fl-akkuza u gie hekk awtorizzat li jaghmel fis-seduta tal-24 ta' Marzu, 2003. Fil-fatt l-akkuzati kienu anke taw ruhom notifikati bic-citazzjoni kif korretta. L-akkuza kontra Stephen Mifsud fil-fatt giet mizjuda fis-sens ta' ksur ta' sentenza sospiza.

Dwar il-piena: din il-Qorti ma tistax ma turix il-preokkupazzjoni taghha ghal dak rifless fil-fedina penali taz-zewg akkuzati. Frankament jidher li ghadhom ma tghallmu xejn u zgur ma gharfux jiehdu vantagg mill-opportunitajiet kollha lilhom moghtija.

Qieset ukoll li l-ammissjoni taghhom giet registrata fi stadju avvanzat tal-provi.

Semghet ukoll lil Marietta Lanzon li spjegat il-progress pozittiv ta' Pauline Pisani.

Tenut dana kollu, b'mod specjali dak rifless fil-fedina u n-natura nnifisha tar-reati kommessi ex admissis, almenu ghal xahrejn (vide stqarrijiet), tqis li l-piena idonea ghandha tkun wahda karcerarja.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikolu 18, 261, 262, 267, 269, 277, 279, 86, 87, 49, 50, 289, 221, 334 u 17, 31 tal-Kapitlu 9 qed tikkundanna lil Stephen Mifsud ghal sena u nofs piena karcerarja.

Wara li rat l-artikoli 18, 261, 262, 267, 269, 277, 279, 86, 87, 49, 50, 289 tal-Kapitlu 9 kif ukoll l-artikolu 7 tal-Kapitlu 63, kif ukoll 7, 21 tal-Kapitlu 446 u l-artikoli 17 u 31 tal-Kapitlu 9 tikkundanna lil Pauline Pisani ghal mitt lira (Lm 100) ammenda u tikkundannaha ghal sena u nofs piena karcerarja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------